

32005D0167

L 55/92

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

1.3.2005

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI**tat-28 ta' Frar 2005****dwar il-kontribut finanzjarju tal-Komunità lejn il-pubblikazzjoni fuq CD-ROM tar-rapport tad-diskussjonijiet fil-Konferenza Dinjija ta' l-OIE dwar is-saħħa ta' l-annimali li saret fi Frar 2004**

(2005/167/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill 90/424/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar in-nefqa fil-qasam tax-xjenza veterinarja ⁽¹⁾ u b'mod partikolari l-Artikolu 20 tiegħu,

Billi:

- (1) Skond id-Deċiżjoni 90/424/KEE il-Komunità għandha twettaq jew tgħin lill-Istati Membri sabiex iwettqu l-miżuri tekniċi u xjentifiċi meħtieġa għall-iżvilupp tal-leġiżlazzjoni veterinarja Komunitarja u għall-iżvilupp ta' l-edukazzjoni jew it-taħriġ veterinarju.
- (2) L-elaborazzjoni u t-tixrid mill-Komunità ta' materjal tekniċi u xjentifiku marbut mal-Konferenza Dinjija ta' l-OIE għandu jagħmel parti mill-iżvilupp ulterjuri tal-leġiżlazzjoni veterinarja Komunitarja u l-edukazzjoni u t-taħriġ veterinarju.
- (3) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/72/KE tal-5 ta' Diċembru 2003 dwar il-kontribut finanzjarju tal-Komunità lejn il-Konferenza Dinjija ta' l-OIE dwar is-saħħa ta' l-annimali fl-2004 ⁽²⁾ approvat l-azzjoni tal-pubblikazzjoni u t-tixrid tal-materjali tekniċi u xjentifiċi marbuta mal-Konferenza ta' l-OIE dwar is-saħħa ta' l-annimali fl-2004 u li għandu jkun iffinanzjat mil-linja tal-baġit B1-331 tal-baġit ta' l-Unjoni Ewropea għall-2003 sa ammont massimu ta' EUR 40 000.
- (4) Minkejja li saret u tqassmet verżjoni stampata tar-rapport tad-diskussjonijiet fil-konferenza f'Mejju 2004, il-verżjoni fuq CD-ROM mhijiex mistennija li tkun disponibbli u li ssir il-fatturazzjoni għaliha sa Frar 2005.

(5) Il-krediti ta' ħlas mhux separat li kienu allokat i għal din l-azzjoni skadew fil-31 ta' Diċembru 2004.

(6) Huwa għalhekk xieraq li l-azzjoni ta' produzzjoni ta' verżjoni fuq CD-ROM tar-rapport tad-diskussjonijiet fil-konferenza tkun iffinanzjata mil-linja tal-baġit 17.04.02 tal-baġit ta' l-Unjoni Ewropea għall-2005 sa ammont massimu ta' EUR 25 000.

(7) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma bi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina ta' l-Ikel u s-Saħħa ta' l-Annimali,

IDDEĊIDIET KIF ĠEJ:

Artikolu uniku

L-appropriazzjonijiet mil-linja tal-baġit 17.04.02 tal-baġit ta' l-Unjoni Ewropea għall-2005 jista' jintuża sa ammont massimu ta' EUR 25 000 sabiex isiru l-ħlasijiet finali fil-qafas ta' l-azzjoni "pubblikazzjoni u tixrid fuq CD-ROM tal-materjali tekniċi u xjentifiċi marbuta mal-Konferenza Dinjija ta' l-OIE dwar is-saħħa ta' l-annimali li saret fi Frar ta' l-2004", approvata mill-Kummissjoni fil-5 ta' Diċembru 2003.

Magħmula fi Brussel, fit-28 ta' Frar 2005.

Għall-Kummissjoni

Markos KYPRIANOU

Membri tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 224, tat-18.8.1990, p. 19. Deċiżjoni kif emendata l-aħħar mid-Direttiva 2003/99/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Novembru 2003 (ĠU L 325, tat-12.12.2003, p.31).

⁽²⁾ ĠU L 16, tat-23.1.2004, p. 56.